StudentBounty.com

# SKEJJEL PRIMARJI

## EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2011

| IL-ĦAMES KLASSI | MALTI KITBA | Ħin: **Siegħa u kwart** |
|---|---|---|

Isem:_______________________________________________ Klassi:___________________

TOTAL TAL-MARKI

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Imla ismek u l-isem tal-klassi.

  TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.

- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn; imbagħad erġa' ippruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.



www.StudentBounty.com

**Aqra sew din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet**

## Il-Wegħdi ta' Kunċett

Kunċett kienet tagħmel għaġeb minn xejn. Jekk imqar jitlagħlha dieħes arha tinfaxxa driegħha kollu, u jekk tagħtas darbtejn malajr timla rasha li għandha bidu ta' bronkite. Imma din id-darba ma gergritx ta' xejn. Bdew juġgħuha widnejha u l-uġigħ tant kien qawwi li ħasset it-tnabar se jinqasmulha. Sikwit kienu jittantawha, iżda qatt ma tahom hekk qawwi daqs illum.
(paragrafu 1)



Marinton riedet iġġibilha t-tabib, imma Kunċett ma kinitx trid taf b'tobba. Kienet tibża' minnhom daqs il-bard ta' Jannar. Kull mard li kien ikollha kienet tipprova tfejqu hi waħidha. Dilkithom biż-żejt u saddithom bit-tajjar imma kien kollu għal xejn. L-uġigħ ma riedx inaqqas. Meta rat li l-kura ma swiet għalxejn qatgħetha li tagħmel wegħda. Min-nies kollha tar-raħal ftit kien hemm li jħabbtuha ma' Kunċett għall-wegħdi. Għal kull xejn kont taraha tagħmillek wegħda ma' dak jew ma' dan il-qaddis. Jekk imqar iddum jumejn ma tara l-qattusa l-bebbuxija malajr kienet twiegħed xemgħa lil San Nikola jekk il-qattusa terġa' lura qawwija u sħiħa. (paragrafu 2)

"Iva jaħasra," karbet Kunċett, "jekk l-uġigħ ma jdumx ma jtaffili nagħmel wegħda li nagħti dawk il-par imsielet tad-dendula lill-vara ta' Santa Marija"

"Wegħdi agħmel kemm trid," weġbitha oħtha, "iżda li kont minnek inkellem tabib. Forsi għandek xi ħaġa gravi." (paragrafu 3)

"Tinkwetanix, Marinton," għajtet Kunċett minn fuq il-pultruna tal-qasab, "taf li t-tobba qatt ma ħmilthom. Għalfejn? Biex ineffaqni salt mediċini u ingwenti u jibgħatni taħt l-irħama? Issa tara kif minn hawn u ftit ieħor jgħadduli. Dejjem emmint bil-wegħdi jien." U ma qalitx ħażin Kunċett, għax wara jumejn l-uġigħ beda jnaqqas sa ma spiċċa fix-xejn. (paragrafu 4)

(Adattata mill-**Praspar ta' Kunċett u Marinton** ta' Trevor Zahra)

## Wieġeb



www.StudentBounty.com

1. X'uġigħ kellha Kunċett?

______________________________________________

______________________________________________

(marka)

2. Għaliex Kunċett ma riditx tara tabib?

______________________________________________

______________________________________________

(marka)

3. Kif ippruvat tikkurahom widnejha?

______________________________________________

______________________________________________

(2 marki)

4. Għalfejn kienet titlob lil San Nikola?

______________________________________________

______________________________________________

( marka)

5. X'kienet il-wegħda li għamlet Kunċett?

______________________________________________

______________________________________________

(2 marki)

6. ***"Kienet tibża' minnhom daqs il-bard ta' Jannar"*** **(paragrafu 2)**

tfisser:

(a) kienet tħoss ħafna kesħa f'Jannar

(b) kienet tibża' ħafna minnhom

(ċ) kienet taf li Jannar iġib ħafna bard u xita

(d) snienha kienu jċekċku bil-bard meta jiġi Jannar

(marka)

7. ***"Qattusa Bebbuxija"*** **(paragrafu 2)**



www.StudentBounty.com

tkun: (a) bajda u sewda

(b) sewda bl-abjad

(ċ) kannella

(d) safranija bi ftit abjad

(marka)

8. **Daħħal kelma fill-vojt.**

Kunċett kienet wegħdet par ______________ lil _______________ jekk l-uġigħ ta' widnejha jgħaddilha.

( 2 marki)

9. **Agħti t-tifsira ta' dawn il-kliem:**

(a) tagħmel għaġeb (par 1) ______________________

(b) sikwit (par 1) ______________________

(2 marki)

10. Ikteb jekk hux **<u>Veru</u>** jew **<u>Falz</u>**

(a) Kunċett ma kinitx tagħmel għaġeb mix-xejn. _____

(b) Ta' sikwit kienu juġgħuha widnejha. _____

(ċ) Kunċett kienet ta' sikwit tmur għand it-tabib. _____

(d) Delkithom biż-żejt u l-ħall. _____

(e) Marinton riedet iġġibilha t-tabib. _____

(f) Kunċett ma kinitx temmen fil-wegħdi. _____

(1/2 mark = 3 marki)

11. **Aqta' sing taħt l-aġġettiv**

(a) Kunċett kellha qattusa bebbuxija.

(b) L-uġigħ kien tant qawwi li ma setgħetx tissaporti.

(2 marki)

12. **Daħħal aġġettiv xieraq**



www.StudentBounty.com

(a) Għalkemm Kunċett kienet għajjiena ________________, ma setgħetx torqod matul il-lejl.

(b) Dak inhar kienet ħafna sħana u għalhekk oħtha saret għarqana _________.

(2 marki)

**B. Daħħal l-artiklu kif meħtieġ**

______nannu kellu kelb tgħidx kemm kien jinbaħ. Darba ġie ______pustier u ______kelb kien se jaqta' _____ċinga bil-ġbid li beda jiġbed. Iżda nebħa biss kellu. Kien annimal li jħobb il-logħob u _____ xkupa kienet _____ ġugarell favorit tiegħu.



(marka kull waħda = 6 marki)

**Ċ. Daħħal il-konsonanti nieqsa fil-vojt. (Ara l-eżempju)**

1. It-tiġieġ beżgħu mill-kel*b*.
2. Ġanni hu ħabi___ kbir ta' Pawlu.
3. Is-sodo___ kienu tal-ħadi____.
4. Ir-raġel tela' t-tara____.
5. Smajtha ti____ki b'qal____ maqsuma.
6. Rita kienet tħob____ tiekol il-ħob____.



(marka għal kull vojt = 8 marki)

**D. Imla l-vojt billi tuża l-verb skont kif inhu mitlub. (Ara l-eżempju)**



www.StudentBounty.com

| | |
|---|---|
| 1. *Preżent mill-għerq*<br>***għ-m-l*** | Kunċett ta' sikwit ***tagħmel*** xi wegħda mal-Madonna. |
| 2. *Preżent mill-għerq*<br>***l-b-s*** | Kunċett kienet ilha ma __________ dawk l-imsielet. |
| 3. *Futur tal-verb*<br>***mar*** | Il-ġimgħa li ġejja oħtha _____ ____________ il-knisja. |
| 4. *Negattiv tal-verb*<br>***Seta'*** | "_____ ________________ insib il-par imsielet li wegħedt lil Madonna" qalet Kunċett. |
| 5. *Imperattiv tal-verb*<br>***Mar*** | "__________ fittixli dawk l-imsielet" gergret Kunċett. |
| 6. *Preżent tal-verb*<br>***tela'*** | Marinton tħobb ____________l-Belt biex taqdi qadja. |
| 7. *Futur tal-verb*<br>***Ħareġ*** | "Għada ______ ___________ ma' Spira," qalet Marinton. |
| 8. *Negattiv tal-verb*<br>***Għamel*** | "Jaqbillek ______ ___________ aktar wegħdi," qal il-kappillan lil Kunċett. |
| 9. *Preżent mill-għerq*<br>***ħ-s-l*** | Marinton kienet fitta fit-tindif tad-dar. Ta' sikwit _________l-art. |

(marka kull vojt = 12-il marka)

**E. Imla l-vojt f'din is-silta kif mitlub fil-parentesi: (Ara l-eżempju)**





www.StudentBounty.com

Tumas kien joqgħod f'dar (*il-maqlub ta'* ***kbira***) żgħira f'tarf l-irdum. Illum kien (*il-maqlub ta'* ***żagħżugħ***) _______________ u ma kellu lil ħadd. Iż-żewġ (*plural ta'* ***tifel***)_______________ il-kbar marru l-Awstralja u t-tlieta (*plural ta'* ***żgħir***) ż-__________ marru l-Kanada. Kulħadd kien jaħseb li Tumas kien (*maqlub ta'* ***sinjur***) __________________ iżda r-raġel ma kellu bżonn xejn. Kien (*kelma oħra flok* ***ferħan***) ________________ b'dak li kellu. Fl-għalqa tiegħu kellu ħafna (*plural ta'* ***siġra***) __________________ tal-frott li kien ibigħ is-suq. Il-frott li kien ibigħ kien kbir u ħelu (***ħelu ħafna*** *ngħidu)*_________________. Kont issiblu għeneb iswed (***iswed ħafna*** *ngħidu)* ___________________. Kien raġel (*kelma waħda flok* ***jaħdem ħafna***) _______________ u maħbub minn ħafna.

(marka għal kull vojt = 9 marki)

**F. Fis-silta li ġejja imla l-vojt biex tagħmel sens sħiħ.**

Waqt il-*vaganzi* morna sa ħdejn il-baħar. Morna fost il-ġimgħa biex ma nsibux _______________ nies. Kienet ġurnata xemxija u _____________________. Għalhekk kif _________________ qbiżna l-___________________. L-ilma tant kien ____________________ li stajna naraw il-_________________ u xi ħut. Missieri jħobb is-____________________ u għalhekk ftit wara li wasalna qabad il-___________________ u l-għalf u telaq fuq blata. Dam aktar minn _________________ u kull ma qabad kienu żewġ _____________________.

(marka kull vojt = 10 marki)

**Ġ. Komponiment** (20 marka)



www.StudentBounty.com

***Ikteb komponiment ta' mhux anqas minn 100 kelma dwar <u>wieħed</u> minn dawn is-suġġetti.***

1. Ħolma sabiħa li kelli.
2. ***"Il-ġenituri tiegħi kellhom joħorġu jaqdu qadja ta' malajr. Waqt li kont qiegħed nilgħab fuq il-kompjuter smajt xi ħsejjes ġejjin mill-kċina......."*** Kompli l-istorja.
3. Immaġina li int għasfur li ġejt ferut, ġejt misjub, u erġajt ksibt il-libertà. Irrakkonta l-istorja ta' ħajtek.
4. Ikteb storja fuq dawn l-istampi.

Titlu:________________________________________



www.StudentBounty.com

TMIEM IL-KARTA

TMIEM IL-KARTA



www.StudentBounty.com

www.StudentBounty.com